MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2007

Numru 337/2000

**Il-Pulizija**
**(Sp. Paul Bond)**

**v**

**Mario Busuttil ta' 44 sena bin Saviour u Rose Xebba Pulis imwieled il-Mosta, nhar id-19/08/1955, u joqghod 'Binja Hesri', Entrance C, Flat 5, Triq Dun Antonio Vella, Siggiewi, detentur tal-Karta tal-identita' bin-numru 61685 (M)**

**Ibrahim Hafes Ibrahim El-Degwy ta' 34 sena bin Hafes u El Degwy xebba Soad, imwieled l-Egittu nhar 02/08/1965, u joqghod Nru. 4A, Pjazza Vittoria, Xaghra, Ghawdex detentur Ta' karta tal-identita' bin-numru 17291(A)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Mario Busuttil u Ibrahim Hafes Ibrahim El Degwy

(1) li gew akkuzati talli f'dawn il-gzejjer, f'Bidnija Shooting Range, Il-Bidnija, limiti tal-Mosta, nhar l-14 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tas-2.30 hrs bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b'atti esterni, billi sgassaw il-bieb principali tal-Bidnija Shooting Range, sitwat fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, u taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma kienx gie ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta' ta' Mario Busuttil u Ibrahim Hafes Ibrahim El Degwy liema attentat ta' serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur ta' aktar minn Lm 1000, lok, hin.
(2) Akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, wara li kienu ikkundannati f'Malta ghal serq, jew ricettazzjoni jinsab fil-pussess ta' oggetti ohra, li ma jkunux tal-kondizzjoni taghhom, minghajr ma jaghtu kont sodisfacenti ta' kif ikunu gew legittimament ghandhom, inkella jinstabu ghandhom ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi.
(3) Akkuzati wkoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, talli fil-kaz ta' dhul f'dar jew lok iehor, fil-Bidnija Shooting Range, Bidnija, jew f'recint b'wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikoli 264, 265, 266 ghalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat iehor, l-akkuzati Mario Busuttil u Ibrahim Hafes Ibrahim El Degwy, ghall-fatt biss tad-dhul hawn fuq imsemmi
(4) Akkuzati wkoll talli huma persuni recidivi, wara li kienu gew ikkundannati ghal reati b'sentenzi li kienu saru definittivi

Rat l-artikoli migjuba kontra l-akkuzati u cioe:

41(1)(9), 261(a)(b)(c), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 276, 277, 279, 330, 279(b), 280, 287, 289, 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi l-akkuzati ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji (fol 156).

Rat l-atti kollha.

Ikkonsidrat

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-akkuzati gew misjuba fl-akkwati tas-Shooting Range Bidnija meta fl-istess ranges kein sar sgass fuqhom. Meta mwaqqfa mill-pulizija l-akkuzati kienu fl-akkwati ta’ l-istess ranges u kienu fil-vettura ta’ Mario Busuttil. Fil-vettura skond ix-xhieda tal-pulizija instabu xi ghodda fosthom xi lieva ta’ kulur orange. Skond ix-xhieda ta’ dawn il-puzliaj u cioe l-kuntistabbli PC 887 fis-shooting ranges ma’ l-art fejn l-isgass kien hemm “qisu zebgha orange” (fol 33). Fil-fatt inghatat l-idea illi din iz-zebgha kienet provenjenti mil-lieva li l-Pulizija qed jghidu li raw fil-vettura ta’ Busuttil. Pero’ (enfazi tal-Qorti) haga tal-iskantament din l-lieva qatt ma giet elevata allura qatt ma sar ezami komparattiv taz-zebgha (bicciet) misjuba. Anzi meta gie arrestat l-akkuzat u saret id-debita search din il-lieva ma regghetx instabet. Lanqas il-prezenza ta’ l-akkuzati wahedha fl-akkwati tas-shooting ranges, bla ebda prova ohra mqar cirkostanzjali ma tista’ twassal ghal htija taghhom ghaldaqstant qeghda tillibera lil Mario Busuttil u Ibrahim El Degwy mill-akkuzi kif dedotti kotnra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------